

AVIS AUX ÉLECTEURS

IL-VOT: STORJA EWROPEA

Għaxar elezzjonijiet li
sawru d-dinja tagħna

WIRJA

MT

IL-VOT: STORJA EWROPEA

Għaxar elezzjonijiet li
sawru d-dinja tagħna

WIRJA

Tim:

Martí Grau Segú, Kuratur
Inês Nauwelaers, Assistent kuratur
Debora Righetti, Ġestjoni tal-Proġett

Ħajr lil:

Vladimir Čajkovac, Rocío del Casar Ximénez, Hans De Waegeneer, Christine Dupont, Óscar Fontao Regueira, Vasileios Galanakis, Yann Guillard, Clodagh Hourigan, Albrecht John, Philippe Le Guen, Nathalie Minten, Audrey Mottier, Elisabete Petim, Philippe Peyredieu du Charlat, Maria Teresa Pollastro, Véronique Recher, Frédéric Tadino, Jean-Baptiste Teresa, Josette Torres, Tatiana Tumashik and Lycée Viollet-le-Duc (Villiers-Saint-Frédéric, Franza).

Proġett tal-Parlament Ewropew, imwettaq b'kollaborazzjoni bejn Dar l-Istorja Ewropea (servizz ta' Dar Jean Monnet) u l-Parlamentarium.

Werrej

Għan	7
Introduzzjoni	8
<i>Pass pass mad-demokrazija fl-istorja Ewropea</i>	<i>8</i>
<i>L-arkitetti tal-għaqda Ewropea u l-ħidma għal Parlament Ewropew elett direttament</i>	<i>10</i>
Għaxar elezzjonijiet li sawru d-dinja tagħna	13
1979	
Żewġ ommijiet fundaturi fl-ewwel jum ta' Parlament Ewropew elett direttament	14
1984	
Elezzjonijiet ġodda għal Parlament Ewropew b'setgħat aktar b'saħħithom	16
1989	
Wara l-Gwerra Bierda, it-tiswir ta' unjoni ġdida: elezzjonijiet f'sena storika	18
1994	
L-Ewropa l-ġdida tat-Trattat ta' Maastricht qiegħda tissawwar	20
1999	
Merħba lill-euro	22
2004	
Wara tkabbir kbir f'salt, Ewropa magħquda mill-ġdid toħroġ tivvota	24
2009	
Fid-dell tal-kriżi finanzjarja	26
2014	
Il-President tal-Kummissjoni jinħatar skont id-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-Trattat ta' Liżbona	28
2019	
Il-poplu jerġa' joħroġ jivvota	30
2024	
L-elezzjoni li jmiss: Elezzjoni li se tibdel ir-rotta?	33

Għan

F'Ġunju 2024, iċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea se jissejġu biex jeleġġu r-rappreżentanti tagħhom fil-Parlament Ewropew.

Din se tkun l-10 darba li se jkunu saru elezzjonijiet bħal dawn mill-ewwel elezzjoni diretta għall-Parlament Ewropew fl-1979. Għalhekk, din hija okkażjoni xierqa biex nirriflettu dwar kif żviluppat id-demokrazija supranazzjonali tal-Ewropa, mill-orijini tal-parteċipazzjoni demokratika fil-kontinent sal-bini pass pass ta' entità politika Ewropea reali.

Dan il-vjaġġ fiż-żmien mhuwiex biss opportunità biex tiffamiljarizza ruġhek ma' affarijiet li seħħew fil-passat, iżda wkoll mod kif jgħinek tagħmel għażla informata fil-kamra tal-votazzjoni! Id-demokrazija hija vitali; l-opinjoni tiegħek hija kruċjali.

Introduzzjoni

Pass pass mad-demokrazija fl-istorja Ewropea

L-Ewropa għamlet ħafna progress fir-rigward ta' kif żviluppat id-demokrazija. Għal xi wħud, l-għeruq ta' dik id-demokrazija jmorru lura għal Atena Klassika. Għal oħrajn, il-libertajiet tal-era kontemporanja huma fundamentalment differenti minn dawk tad-dinja tal-qedem għaliex japplikaw għal soċjetà sħiħa, aktar milli sempliċement għal parti minnha. Filwaqt li fl-antikità, id-demokrazija kienet titqies kompatibbli maż-żamma ta' gruppi kbar ta' nies imċaħħda mid-dritt tal-vot, l-ideat l-aktar avvanzati tal-Illuminiżmu jenfasizzaw li d-demokrazija trid tkun inklużiva.

Madankollu, dan il-kunċett sabiħ spiss għe applikat aktar fit-teorija milli fil-prattika. Sa mill-aħħar tas-seklu 18, il-progress tad-demokrazija għe assoċjat ma' kawżi importanti oħra fit-triq lejn ugwalianza akbar, mill-abolizzjoni tal-iskjavitù sal-estensjoni tad-drittijiet ċiviċi kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. Fis-seklu 19, il-leġittimità demokratika li kienet għadha titwieled kellha teżisti flimkien mar-reġimi awtokratiċi. Għalkemm il-multilateraliżmu bejn ir-reġimi awtokratiċi għamilha possibbli li jkun hemm paċi dejjiema fost in-nazzjonijiet f'diversi okkażjonijiet (Münster/Osnabrück fl-1648, Utrecht fl-1713, u Vjenna fl-1815), fl-aħħar mill-aħħar dan seħħ għad-detriment tal-ġlieda tal-poplu għal libertajiet ċiviċi akbar, bħal fir-ripressjoni li mmarkat il-konsegwenzi tal-Kungress ta' Vjenna fl-1815). Mal-mogħdija tas-seklu 19, il-kodifikazzjoni tad-dritt internazzjonali u l-ħolqien ta' organizzazzjonijiet internazzjonali stabbli usa' ħolqu l-kundizzjonijiet għat-tixrid internazzjonali tal-istandards demokratiċi li xi pajjiżi kienu diġà qed jittestjaw fix-xena domestika. Id-dinja kienet lesta għal bidla fundamentali, fejn il-valuri demokratiċi kienu se jkunu minn ta' quddiem fis-sistemi internazzjonali. Sfortunatament, l-Ewropa kellha tgħaddi mill-konsegwenzi ta' gwerra oħra – l-Ewwel Gwerra Dinjija – biex tara l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tagħha jsiru demokraziji.

Jekk illum il-ġurnata hemm xi ħaġa li hija ċara, hija li l-ebda elezzjoni ma tkun kompletament demokratika mingħajr il-vot universali. Fl-Ewropa, l-elezzjonijiet b'vot universali saru għall-ewwel darba fil-bidu tas-seklu 20, l-aktar f'pajjiżi Skandinavi u f'pajjiżi oħra tat-Tramuntana tal-Ewropa. Fil-bqija tal-Ewropa, xi kultant it-triq għad-dritt għall-vot tan-nisa kienet twila ħafna. Pereżempju fl-Iżvizzera dan sar realtà biss fis-snin sebgħin, filwaqt li fi Spanja u fit-Turkija dan id-dritt għe introdott fis-snin tletin. Il-qofol tad-demokrazija liberali kien ukoll il-mument li fih inħolqu



*Mara Finlandiża tivvota fl-Elezzjoni Parlamentari tal-1907.
© Dominju pubbliku.*

L-aktar sfidi serji tagħha: in-Naziżmu u l-Istaliniżmu rnextwew bis-saħħa tal-kritika tagħhom fir-rigward tat-tixrid tal-libertajiet individwali. Għalhekk, l-evoluzzjoni twila tal-elezzjonijiet demokratiċi hija wkoll l-istorja ta' kif dawn l-elezzjonijiet jinkorporaw xi wħud mill-kawżi l-aktar importanti tas-soċjetajiet: id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet għal dawk li jisfaw mingħajr id-dritt għall-vot u, speċjalment wara t-Tieni Gwerra Dinjija u bis-saħħa tal-arkitetti tal-għaqda Ewropea, il-promozzjoni tal-paċi internazzjonali.

L-arkitetti tal-għaqda Ewropea u l-ħidma għal Parlament Ewropew elett direttament

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kien hemm sentiment qawwi li n-nuqqas ta' għaqda Ewropea matul il-perjodu ta' bejn il-gwerer kien waħda mill-kawżi ewlenin tat-tkissir tal-paċi u d-demokrazija. Fl-abbozzar tad-dikjarazzjoni ta' Schuman fl-1950, Jean Monnet sab mod kif jorbot flimkien id-destin tal-paċi, tad-demokrazija u tal-għaqda Ewropea. Barra minn hekk, Monnet mhux biss stabbilixxa l-pedamenti għal Ewropa teknokratika iżda ħadem bla heda biex, matul id-deċennji ta' wara, l-istituzzjonijiet Ewropej isiru aktar demokratiċi. Dan għamlu billi rrakkomanda elezzjonijiet diretti għall-Parlament Ewropew.

Din il-ħidma saret primarjament permezz tal-Kumitat ta' Azzjoni għall-Istati Uniti tal-Ewropa. Għalhekk, il-kawża tal-paċi wasslet għall-aktar proġett demokratiku ambizzjuż madwar id-dinja: l-elezzjonijiet supranazzjonali fl-Ewropa. Sa mill-1979, l-elezzjonijiet demokratiċi diretti għall-Parlament Ewropew xprunaw id-destin tal-kontinent tagħna permezz tal-parteċipazzjoni tan-nies u ż-żieda fis-setgħat istituzzjonali tiegħu.

Mill-bidu nett, bħal f'ħafna oqsma oħra, il-missirijiet fundaturi Ewropej kienu ħadmu id f'id għall-parlamentarizzazzjoni tal-proġett ta' għaqda Ewropea: l-ex Prim Ministru Belġjan Paul-Henri Spaak, f'assoċjazzjoni mill-qrib ma' Monnet, sar l-ewwel president tal-Assemblea Komuni tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar fl-1952. Is-suċċessur tiegħu kien l-ex Prim Ministru Taljan Alcide De Gasperi fl-1954. It-tliet irġiel ibbażaw fuq l-Assemblea biex jagħtu spinta lill-karattru supranazzjonali tal-arkitettura istituzzjonali Ewropea li kienet għadha titwieled.

Fl-1958 inħolqu żewġ Komunitajiet Ewropej oħra: il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-EURATOM. L-istess bniedem li kien approva u ħabbar pubblikament lill-bqija tad-dinja l-pjan ta' azzjoni ta' Monnet għal Ewropa magħquda, l-ex Prim Ministru Franċiż u l-Ministru għall-Affarjiet Barranin Robert Schuman, sar il-president tal-leġiżlatura l-ġdida li kienet tiġbor fi ħdanha rappreżentanti tat-tliet Komunitajiet kollha kemm huma: l-Assemblea Parlamentari Ewropea.



Robert Schuman at the European Parliamentary Assembly, on the occasion of the 10th anniversary of the Schuman Declaration. 10 May 1960.

© L-Unjoni Ewropea



Għaxar elezzjonijiet li sawru d-dinja tagħna

1979

Żewġ ommijiet fundaturi fl-ewwel jum ta' Parlament Ewropew elett direttament

L-ewwel elezzjoni Ewropea diretta seħħet wara taqbidha twila. Nofs is-snin sebgħin kien żmien ta' progress għall-għaqda Ewropea, bl-ewwel tkabbir tal-Komunità Ewropea, il-bidu tal-kooperazzjoni monetarja Ewropea, u l-ħolqien tal-Kunsill Ewropew. Għal missier fundatur bħal Jean Monnet, l-okkażjoni tal-ewwel elezzjonijiet Ewropej diretti kienet il-mument biex iwaqqaf l-attività bla heda tiegħu u jirtira, fiduċjuż li ġenerazzjoni ġdida ta' mexxejja eletti demokratikament kienu se jkomplu l-ħidma fejn ħalla hu.

F'Ġunju 1979, iċ-ċittadini mid-disa' Stati Membri marru fil-postijiet tal-votazzjoni biex jivvutaw. Il-kampanja elettorali tat lok għal ikonografija ġdida — posters, riklami televiżivi u merchandising — li għamlu enfasi fuq it-teħid konġunt tad-deċiżjonijiet. Il-parteċipazzjoni kienet ta' madwar 62%.

Fl-ewwel jum tal-Kamra l-ġdida, fit-tmun kien hemm żewġ nisa. Inizjalment, din il-Kamra kienet preseduta mill-aktar membru anzjan fl-età, Louise Weiss, difensur ferventi tal-għaqda Ewropea u attivista għad-drittijiet tan-nisa sa mis-snin għoxrin, li issa kienet qed tilħaq il-quċċata tal-karriera tagħha fir-rigward taż-żewġ kawżi. Weiss għaddiet it-tmun lill-ewwel president elett demokratikament tal-leġiżlatura Ewropea, Simone Veil, ex Ministru Franċiż u superstiti tal-Olokawst li kienet tiddefendi d-drittijiet riproduttivi tan-nisa. Wara l-missirijiet fundaturi tal-ħamsinijiet, l-Ewropa kienet qed tiġbor fi ħdanha l-ommijiet fundaturi tagħha!

Fit-tieni parti tal-leġiżlatura, li bdiet fl-1982, il-President kien Piet Dankert min-Netherlands.



Louise Weiss tilqa' lil Simone Veil li kienet għadha kif ġiet eletta bħala President tal-Parlament Ewropew. 17 ta' Lulju 1979.

© L-Unjoni Ewropea

1984

Elezzjonijiet ġodda għal Parlament Ewropew b'setgħat aktar b'saħħithom

Wara l-ewwel elezzjonijiet tiegħu, minkejja l-leġittimità demokratika li kien għadu kif kiseb, il-Parlament Ewropew kien għad għandu biss setgħat limitati. Ħafna nies ma kinux sodisfatti b'din is-sitwazzjoni. Diversi membri tkellmu b'mod miftuħ u fittxew li jimbuttaw għall-bidla immedjament, jekk mhux permezz tal-leġislażzjoni, allura fil-prattika. Pereżempju, it-twessigħ tas-setgħat baġitarji tal-Kamra sar mezz ta' kif issir influwenza fuq għadd dejjem jikber ta' oqsma ta' politika. Fost dawn is-sensara politiċi kien hemm Altiero Spinelli, li kien ilu jipproponi l-għaqda Ewropea sa mill-erbgħinijiet.

Fl-1941, waqt li kienu jinsabu maqfulin f'ħabs fil-gżira ċkejkna ta' Ventotene, Spinelli u għadd ta' opposenti oħra tal-Faxxiżmu fasslu manifest għal Ewropa federali. Filwaqt li l-gwerra madwarhom kienet mill-aktar qalila, kien jidher ċar li s-sistema internazzjonali ma setgħetx tmur lura għal li kienet qabel il-gwerra ladarba t-Tieni Gwerra Dinjija tkun għaddiet. Aktar tard, Spinelli sar Kummissarju Ewropew, u ħareġ bħala kandidat għall-Parlament Ewropew fl-1979. Bħala l-kap tal-Klabb tal-Kukkudrill, imsemmi għar-restorant fi Strażburgu fejn kienu jiltaqgħu l-membri tiegħu, Spinelli ressaq Abbozz ta' Trattat li Jistabbilixxi Unjoni Ewropea, test b'mentalità Federalista adottat mill-Parlament Ewropew fi Frar 1984. L-interessi politiċi tal-elezzjoni imminenti kibru ħafna.

Din kienet ukoll l-ewwel darba li saru elezzjonijiet Ewropej fil-Greċja bħala Stat Membru sħiħ. B'parteċipazzjoni ta' 59 %, Pierre Pflimlin minn Franza ġie elett President tal-istituzzjoni, u sar l-ewwel ex Prim Ministru ta' Stat Membru li mexxa l-Parlament Ewropew. Charles Henry Plumb, mir-Renju Unit, imbagħad sar President fl-1987. Peress li Spanja u l-Portugall ingħaqdu mal-Komunità Ewropea f'nofs il-leġislatura, fl-1987 kienet prevista elezzjoni parzjali għalihom. Għalkemm l-Istati Membri fl-aħħar mill-aħħar ma approvawx l-Abbozz tat-Trattat li Jistabbilixxi Unjoni Ewropea, it-test witta t-triq għal żviluppi rivoluzzjonarji, bħall-approvazzjoni tal-Att Uniku Ewropew u, finalment, il-ħolqien tal-Unjoni Ewropea.



Altiero Spinelli.
© L-Arkivji Storiċi tal-Unjoni Ewropea

1989

Wara l-Gwerra Bierda, it-tiswir ta' unjoni ġdida: elezzjonijiet f'sena storika

L-elezzjoni tal-1989 seħħet f'waħda mill-aktar snin importanti fl-istorja riċenti. Wara erbgħin sena ta' Gwerra Bierda, ikkaratterizzata mill-konfrontazzjoni bejn il-Lvant u l-Punent fix-xena dinjija, il-Blokk tal-Lvant immexxi mill-Unjoni Sovjetika kien qed jiddiżintegra u l-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant kienu mexjin b'pass mgħaġġel lejn demokrazija pluralistika. Fi ħdan il-Komunità Ewropea, Jacques Delors, ex Ministru Franċiż li kien sar president tal-Kummissjoni Ewropea fl-1985, kien qed imexxi azzjoni trasformattiva mingħajr preċedent.

Ibbażat parzjalment fuq l-Abbozz ta' Trattat li Jistabbilixxi Unjoni Ewropea, li kien xogħol Spinelli, l-Att Uniku Ewropew ta' Delors ġie approvat mill-Istati Membri. Dan kien pass deċiżiv lejn Unjoni Ewropea, li s-setgħat tagħha kienu jestedu fuq firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika. It-tielet elezzjoni Ewropea għalhekk seħħet fi klima ta' antiċipazzjoni dwar din l-entità politika ġdida, li kien se jkollha l-karatteristiċi ta' attur internazzjonali veru u proprju fir-relazzjonijiet esterni u livell mingħajr preċedent ta' integrazzjoni interna. In-negozjati tat-trattat kienu għadhom ma seħħewx, u l-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet kienet ta' madwar 58 %.

Il-parlament il-ġdid eleggja bħala President tiegħu lil Enrique Barón, Spanjol. Il-Ġermaniż, Egon Klepsch imbagħad ġie elett President fl-1992 għat-tieni nofs tal-leġiżlatura. Il-leġiżlatura l-ġdida rat bidliet storiċi kbar, bħall-waqgħa tal-Ħajt ta' Berlin, ir-riunifikazzjoni tal-Ġermanja u l-għajjnuna finanzjarja robusta għat-tranżizzjonijiet demokratiċi fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Eżerċitat ukoll influwenza deċiżiva favur aktar integrazzjoni fit-tfassil u r-ratifika tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, magħruf ukoll bħala t-Trattat ta' Maastricht. Hekk twieldet Ewropa ġdida!

ELEZIONI EUROPEE 18 GIUGNO 1989



IL PARLAMENTO EUROPEO LA NOSTRA VOCE IN EUROPA



PARLAMENTO EUROPEO Ufficio d'Informazione per l'Italia - Via IV Novembre, 149 - 00187 ROMA - Tel. 6790007-6790102

1994

L-Ewropa l-ġdida tat-Trattat ta' Maastricht qiegħda tissawwar

Madwar sena wara li t-Trattat ta' Maastricht daħal fis-seħħ, u b'hekk inħolqot l-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini Ewropej reġgħu ssejħu biex jivvutaw. Bid-distribuzzjoni l-ġdida tas-setgħat, il-Parlament Ewropew kien żied bil-kbir l-importanza tiegħu, u issa kien qed jaġixxi bħala koleġiżlatur fuq l-istess livell tal-Kunsill tal-Ministri. Proġetti ġodda u ambizzjużi eventwalment aġixxew bħala forzi li mexxew l-arkitettura Ewropea kollha 'l quddiem. It-tkabbir previst lejn il-Lvant u n-Nofsinhar u l-pjan ta' azzjoni għal munita unika huma eżempji ta' proġetti bħal dawn, li issa kienu soġġetti għal teħid ta' deċiżjonijiet demokratiku u skrutinju pubbliku mill-Membri tal-Parlament Ewropew (MPE).

L-elezzjonijiet il-ġodda saru f'atmosfera li taqbel mal-għażliet importanti li kellhom isiru (it-tkabbir Ewropew: kemm se nkabbru?) u mal-ħtieġa li jixxejjen it-tħassib taċ-ċittadini (il-munita waħda se tkun kompletament ta' benefiċċju?). Kien hemm bżonn li jiġu attivati jew imsaħħa politiki ġodda, bħal dawk li jikkonċernaw l-infrastrutturi ffinanzjati permezz tal-politiki reġjonali, li kienu l-qofol tal-interkonnnettività l-ġdida tal-kontinent.

Il-parteciċipazzjoni kienet ta' madwar 57 %. Il-Ġermaniż Klaus Hänsch ġie elett President tal-Parlament Ewropew fl-1994. L-Ispanjol José María Gil-Robles imbagħad sar President għat-tieni nofs tal-leġiżlatura fl-1997. Peress li fl-1 ta' Jannar 1995 l-UE kienet kibret minn 12 għal 15-il Stat Membru, l-Awstrija, l-Iżvezja u l-Finlandja eleġġew ir-rappreżentanti tagħhom f'elezzjonijiet parzjali matul l-1995 u l-1996. Dawn il-Membri ġodda fjamanti ġabu magħhom tradizzjoni qawwija ta' nuqqas ta' allinjament kif ukoll standards soċjali u ambjentali għoljin. Id-dinja kienet qed tħares ukoll lejn l-Ewropa ta' lenti ġdida: narrativa ġdida mimlija ottimiżmu kienet f'jorixxiet fid-Dinja l-Qadima, u l-mudell Ewropew deher li kien se jkollu prestazzjoni aħjar mill-prestazzjoni ta' dawk li qabel kienu l-blokki tal-Gwerra Bierda.



L-elezzjonijiet Ewropej fi Brussell fit-12 ta' Ġunju 1994.
© L-Unjoni Ewropea

1999

Merħba lill-euro

Il-progress tal-munita unika kien qed iwassal għal xi ħaġa tanġibbli: karti tal-flus u muniti tal-euro. Bil-ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni ma' 12-il pajjiż kandidat fl-1998, beda momentum għal tkabbir enormi. L-aħħar elezzjoni Ewropea tas-seklu 20 seħħet f'salib it-toroq politiku ewlieni, u r-riżultat tagħha żgur li kien se jkollu effetti estensivi.

Għalkemm il-paċi kienet tidher li ġiet żgurata, wara kważi nofs seklu ta' integrazzjoni Ewropea u għaxar snin minn tmiem il-Gwerra Bierda, il-kunflitt tal-Kosovo kien tfakkira kiefra tal-fraġilità tagħha, bħalma kienu l-gwerer fil-Jugoslavja ftit qabel. Politika esterna Ewropea aktar imlaħħma dehret li kienet se tkun il-mod kif tingħata l-istabbiltà lill-kontinent. Matul il-leġiżlatura li kien imiss, l-iffirmar tat-Trattat ta' Nizza (2001), li emenda kemm it-Trattat ta' Maastricht (1992) kif ukoll it-Trattat ta' Ruma (1957), kien parzjalment maħsub biex iħejji lill-unjoni għal sħubija ta' daqs akbar.

Il-parteċipazzjoni kienet ta' 58 %. Il-politiku Franċiża Nicole Fontaine ġiet eletta President tal-Parlament Ewropew għall-ewwel nofs tal-leġiżlatura fl-1999 u l-politiku Irlandiż Pat Cox ħa t-tmun f'idejh għat-tieni nofs tal-leġiżlatura fl-2002. Dan il-Parlament ra l-euro jidħol fiċ-ċirkolazzjoni fl-1 ta' Jannar 2002, u t-twaqqif ta' Konvenzjoni għat-tfassil tal-Kostituzzjoni Ewropea, iżda kien xhieda wkoll ta' sfidi kbar għar-rwol tal-Unjoni Ewropea bħala attur dinji. L-attakki tal-11 ta' Settembru 2001 fi New York u f'Washington poġġew il-ġlieda kontra t-terroriżmu fuq l-aġenda aktar minn qatt qabel. L-invażjoni tal-Iraq mill-Istati Uniti qasmet lill-Unjoni f'żewġ gruppi ta' pajjiżi; dawk li żammew mal-Istati Uniti u dawk li baqgħu kritiċi: dan sa anke wassal għal distinzjoni bejn "Ewropa Qadima" u "Ewropa Ġdida"!



Stands ta' informazzjoni għall-elezzjoni Ewropea ta' Ġunju 1999.
© L-Unjoni Ewropea

2004

Wara tkabbir kbir f'salt, Ewropa magħquda mill-ġdid toħroġ tivvota

Kien hemm bżonn li l-qasma bejn il-pajjiżi Ewropej li l-gwerra fl-Iraq ġabet magħha tisewwa, u l-akbar tkabbir tal-UE s'issa żgur li tat narrattiva grandjuża għal din it-tiswija. Wara aktar minn nofs seklu ta' qasma fonda, fl-2004 il-kontinent kien lest għal għaqda mill-ġdid. Għaxar Stati Membri ġodda kienu qed jingħaqdu mal-klabb, tmienja mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja), u tnejn min-Nofsinhar tal-Ewropa (Ċipru u Malta). Iċ-ċittadini tagħhom setgħu anke jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-istess sena. Żewġ pajjiżi oħra (il-Bulgarija u r-Rumanija) saru membri fl-2007.

Il-parteċi-pazzjoni f'din l-elezzjoni kienet ta' madwar 46 %. L-Ispanjol Josep Borrell sar il-President tal-Parlament Ewropew fl-2004 għall-ewwel nofs tal-leġislatura, imbagħad il-Ġermaniż Hans-Gert Pöttering serva bħala President għat-tieni nofs. Madankollu, minkejja l-klima favur l-Ewropa, l-ewforija ma damitx għaddejja wisq, hekk kif l-orizzont beda jissaħħab. Fl-2005, kemm iċ-ċittadini Netherlandiżi kif ukoll dawk Franċiżi qalu "le" f'referendum dwar l-Abbozz tat-Trattat għal Kostituzzjoni Ewropea, li kien se jgħib lill-Unjoni pass eqreb lejn Ewropa Federali. Xi pajjiżi kienu qed juru l-ewwel sinjali ta' għeja fir-rigward tat-tkabbir: wara dan l-isforz ta' adattament kollu, l-Ewropa kienet investiment siewi?

Madankollu, mhux il-progress kollu li kien sar biex l-Ewropa tingħata sura ġdida nħela: Wara ċ-ċaħda tat-Trattat Kostituzzjonali, kien hemm perjodu ta' riflessjoni. X'kellu jkun il-pass li jmiss? Id-Dikjarazzjoni ta' Berlin, iffirmata b'mod konġunt f'Marzu 2007 mill-President Pöttering, salvat ħafna mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat Kostituzzjonali fil-ħin għall-elezzjoni li jmiss, fil-forma ta' dak li mbagħad sar it-Trattat ta' Liżbona (inizjalment magħruf bħala t-Trattat ta' Riforma).



Jum it-tkabbir: il-wasla tal-bnadar il-ġodda. Brussell, l-1 ta' Mejju 2004.
© L-Unjoni Ewropea

2009

Fid-dell tal-kriżi finanzjarja

Sa meta daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru 2009, mhux biss kienu saru elezzjonijiet ġodda iżda kien hemm ukoll kriżi serja li laqtet l-ekonomija globali, b'riperkussjonijiet finanzjarji, soċjali u politiċi serji. L-għażliet tal-elettorat issa kienu aktar probabbli li jkunu xprunati mill-biża', u l-ġestjoni ta' dawn il-biżgħat saret waħda mill-kompi ewlenin tar-rappreżentanti politiċi.

Madankollu, kien hemm xi xquq ta' tama: l-elezzjoni ta' Barack Obama bħala President tal-Istati Uniti tal-Amerika fl-2008 ġabet era ġdida fir-relazzjonijiet transatlantiċi; l-ekoloġizzazzjoni tal-produzzjoni industrijali saret motto kullimkien. Iżda dan kien se jkun biżżejjed?

Il-parteċipazzjoni kienet ta' 43 %. Jerzy Buzek, ex Prim Ministru Pollakk, ġie elett President fl-2009, u sar l-ewwel President mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant li kellu din il-kariga. Il-Ġermaniż Martin Schulz imbagħad ħa f'idejh il-kariga ta' President fl-2012.

Fl-2010, it-theddida li l-Greċja tonqos milli tħallas id-djun tagħha skattat il-kriżi tad-dejn sovrani Ewropew, u l-kriżi finanzjarja tal-Irlanda wasslet għal diffikultajiet finanzjarji fit-tul f'ħafna Stati Membri, peress li ħafna madwar id-dinja sabu ruħhom f'diffikultajiet ekonomiċi kbar. Dan il-Parlament ra wkoll taqlib viċin il-fruntieri tal-Unjoni: ir-Rebbiegħa Għarbija, li bdiet fl-2010, infirxet bħal ħuġġieġa fl-2011, u fl-istess sena bdiet ukoll il-gwerra fis-Sirja. Fl-2013 bdew il-protesti tal-Euromaidan fi Kiev, segwiti mill-annessjoni tal-Krimea mir-Russja u l-gwerra fid-Donbas fl-2014.



Reklamar tal-kampanja tal-Elezzjonijiet Ewropej. Marseille, Franza, 2009.
© L-Unjoni Ewropea

2014

Il-President tal-Kummissjoni jinħatar skont id-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-Trattat ta' Liżbona

L-elezzjoni tal-2014 introduċiet il-proċess Spitzenkandidat (il-proċess ta' kandidat ewlieni): f'din is-sistema, il-partiti politiċi Ewropej jinnominaw il-kandidat ewlieni tagħhom għall-elezzjonijiet Ewropej. Dan jippermetti liċ-ċittadini jinfluwenzaw direttament l-għażla tal-kap tal-eżekuttiv Ewropew permezz tal-vot tagħhom fl-elezzjonijiet Ewropej. L-akbar partit wara l-elezzjoni jkun intitolat li jipproponi l-isem tal-President futur tal-Kummissjoni Ewropea, li aktar tard jiġi elett mill-Parlament Ewropew b'maġġoranza tal-membri tiegħu. Dan tqies minn ħafna bħala mod kif l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew jiġu "Ewropizzati".

It-Trattat ta' Liżbona jipprovdi l-bażi għal dan ir-rwol imsaħħaħ tal-Parlament Ewropew fil-ħatra tal-President tal-Kummissjoni Ewropea. B'hekk, Jean-Claude Juncker sar il-President il-ġdid tal-Kummissjoni Ewropea permezz ta' din is-sistema. Il-parteċipazzjoni fl-elezzjoni kienet ta' madwar 43 %. Martin Schulz, li kien diġà ilu President tal-Parlament Ewropew mill-2012, reġa' ġie elett fl-2014 għall-ewwel nofs tal-leġiżlatura. Huwa kien l-ewwel President tal-Parlament Ewropew li reġa' ġie elett. Antonio Tajani mbagħad sar President fl-2017.

Matul il-leġiżlatura ta' wara, il-MPE ġew ikkonfrontati b'ambjent li kien qed jinbidel malajr, kemm f'pajjiżhom kif ukoll barra mill-pajjiż. F'nofs l-2016, f'mossa bla preċedent, il-maġġoranza taċ-ċittadini Brittaniċi ddeċidew li pajjiżhom għandu joħroġ mill-Unjoni Ewropea. Kellhom jinħarġu twissijiet lil xi gvernijiet tal-Istati Membri li kienu bdew ixaqilbu lejn "demokrazija illiberali". L-elezzjoni ta' Donald Trump bħala President tal-Istati Uniti fl-2016 ħolqot tensjoni fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti.



Id-dibattitu "Eurovision" fl-2014 bejn il-kandidati għall-Prezidenza tal-Kummissjoni Ewropea.
© L-Unjoni Ewropea


2019

Il-poplu jerġa' joħroġ jivvota

Fl-elezzjoni tal-2019, il-parteċipazzjoni kienet ta' 51 %. Dan wera l-ewwel żieda fil-parteċipazzjoni elettoralali mill-ewwel elezzjonijiet tal-UE tal-1979 u rrappreżenta l-akbar elezzjoni tranżnazzjonali li qatt saret. David Sassoli sar President tal-Parlament Ewropew, segwit f'Jannar 2022 minn Roberta Metsola, l-iżgħar President li l-Parlament qatt kellu.

Il-biċċa l-kbira tal-partiti politiċi Ewropej reġgħu ħatru kandidati ewlenin għall-Presidenza tal-Kummissjoni Ewropea għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2019. Il-Kunsill Ewropew aktar tard ippropona lil Ursula von der Leyen, li ma kinitx kandidata ewlenija, lill-Parlament Ewropew bħala kandidat għall-President tal-Kummissjoni Ewropea. Din imbagħad ġiet eletta mill-Parlament Ewropew, bħala parti mis-setgħat ta' skrutinju tiegħu.

Il-kwistjonijiet tal-ħarsien tal-klima kienu prominenti fl-elezzjoni tal-2019, peress li globalment l-ambjent għadu qed jagħti sinjali allarmanti ta' deterjorament rapidu. Matul il-leġiżlatura ta' wara din l-elezzjoni, il-MPE kellhom jiffaċċjaw it-tluq effettiv tar-Renju Unit. Fl-2020, faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19. L-istituzzjonijiet Ewropej iddeċidew li jsejġu Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa biex jagħtu ħarsa 'l quddiem, li bdiet fl-2021. Fl-2022, ir-Russja invadiet lill-Ukrajna.



L-Elezzjonijiet Ewropej 2019: il-lejl tal-elezzjoni minn wara l-kwinti.
© L-Unjoni Ewropea

2024

L-elezzjoni li jmiss: Elezzjoni li se tibdel ir-rota?



Kif jirriżulta minn din is-sekwenza tal-elezzjonijiet Ewropej kollha mill-1979 'l hawn, id-dibattiti u l-kwistjonijiet politiċi ta' żmienhom ikkaratterizzaw kull elezzjoni Ewropea.

L-istorja tagħhom hija waħda mill-avvenimenti kruċjali fit-tfassil ta' entità politika tassew Ewropea, riflessjoni tat-tħassib u l-ġlidiet ewlenin fl-isfera politika ta' kull mument.

X'hemm jistenniena għall-elezzjoni Ewropea tal-2024? Il-vuċi tiegħek importanti!

An aerial, high-angle photograph of a massive crowd of people, likely at a public event or protest. The individuals are densely packed, filling most of the frame. They are wearing a variety of colorful clothing, and their shadows are cast on the ground below. The overall scene conveys a sense of scale and collective gathering.

together.eu

**TOGETHER FOR
DEMOCRACY**